**Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili**
**(Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)**

**Imħallef**
**Onor. Robert G. Mangion**

**Seduta tas-7 ta’ Diċembru, 2023**

**Kawża Numru: 1K**

**Rik. Kost. 712/2021 RGM**

**Charlene Camilleri**
**Fiona Camilleri**
**Spiridione Camilleri**

**vs.**

**Emanuel Abela**
**Alexander Abela**
**Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti**

1. Rat li b’rikors tal-4 ta’ Novembru 2021 ir-rikorrenti fissru li huma propjetarji tar-razzett u r-raba adjaċenti sitwata f’Misraħ Strenju, ż-Żejtun provenjenti lilhom mill-wirt ta’ Spiridiona (sive Spira) Camilleri, liema fond huwa mqabbel lill-intimati aħwa Abela versu qbiela ta €27.96 (LM12 fis-sena), liema qbiela titħallas kull 15 t’Awwissu ta’ kull sena b’lura. Ippremettew li din il-proprjetà ddevolviet fuq Spira Camilleri mill-wirt tal-kuġin tagħha, il-Monsinjur Dun Michele Spiteri. Spira mietet fit-13 ta’ Settembru 2005 u skont l-aħħar testment tagħha datat 22 ta’ Lulju 1996 fl-atti tan-Nutar Paul Mangion, hija nnominat bħala eredi universali tagħha u padruni assoluti ta’ ġidha lir-rikorrenti Spiridione sive Siro Camilleri, Charlene

Camilleri u kif ukoll lil Anthony Camilleri illi jiġi missier ir-rikorrenti Fiona Cassar. Dan il-wirt ġie debitament denunzat permezz ta' tlett kuntratti, tnejn minnhom tat-13 ta' Lulju 2006 fl-atti tan-Nutar Ritienne Bugeja Fenech u kuntratt korrettorju tal-25 t'Awwissu 2009 fl-atti tal-istess Nutar. Ir-rikorrenti jilmentaw li tenut kont tal-kobor tal-fond kif ukoll tal-lok, il-qbiela mħallsa hija ċertament baxxa meta mqabbel mal-valur lokatizzju fis-suq ħieles. Ir-rikorrenti fissru li kemm huma kif ukoll l-avante [recte. l-ante] kawża ilhom żmien twil jirrifjutaw il-qbiela u għalhekk qiegħda tiġi depożitata l-Qorti. Fissru wkoll li l-valur tar-razzett u r-raba iġib valur ta' €920,000 libera u franka. Ir-rikorrenti għalhekk qegħdin jilmentaw li l-valur lokatizzju kif impost mill-Kapitolu 199 huwa sproporzjonat. Jgħidu wkoll li d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 199, senjatament l-Artikoli 3, 4, u 14, qegħdin iċaħħdu lir-rikorrenti mit-tgawdija tal-possediment tagħhom b'nuqqas tal-interess pubbliku neċessarju sabiex tali ċaħda tista' tirriżulta ġustifikata, u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti kif sanċiti taħt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll tal-Kapitolu 37 tal-Kostituzzjoni. Ir-rikorrenti jgħidu wkoll li l-liġi hija diskriminatorja in konfront tas-sidien stante illi l-Att XXXI tal-1995 u l-Att X tal-2009 u l-Att XXIV tal-2021 ma japplikawx għal qbiela ta' raba. Dan wassal sabiex huma m'għandhomx rimedju effettiv ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea stante illi huma ma jistgħux iżidu l-kera b'mod ekwu u ġust u skond il-valur tas-suq illum. Għal dawn ir-raġunijiet ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti,

> "1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta, b'mod partikolari, iżda mhux biss, l-Artikoli 3, 4, u 14 tal-Kap. 199 qegħdin jagħtu dritt ta' rilokazzjoni indefinita lill-intimati Emanuel u Alexander aħwa Abela għall-proprjetà tar-rikorrenti ossia r-razzett u r-raba adjaċenti sitwata f'Misraħ Strenju, ż-Żejtun tal-kejl superfiċjali ta' 5424.6 metri kwadri kif murija fil-pjanta u fir-rapport peritali hawn annessi, u dan qed jirrendiha impossibbli li r-rikorrenti qatt jirriprendu l-pussess tal-imsemmija proprjetà;
>
> 2. Konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi illi qed jiġu leżi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti għat-tgawdija paċifika tal-proprjetà tagħhom hawn fuq indikata, liema drittijiet jinsabu protetti fl-Artikolu 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja u anke mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u b'hekk tagħtihom ir-rimedji li jidrilhom xierqa fis-sitwazzjoni inkluż ir-ripreża tar-razzett u r-raba de quo;
>
> 3. Oltre r-ripreża tal-proprjetà kif hawn fuq speċikitamanet mitlub, tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati jew min minnhom, huma responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tat-tħaddim tal-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta' Malta li ma joħloqx bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sidien u dak tal-

inkwilini, stante li ma jirriflettux is-suq u lanqas il-valur lokatizzju tal-proprjetà in kwistjoni, u dan ai termini tal-Liġi;

4. Tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u non pekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti ai termini tal-Liġi;

5. Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, jħallsu l-istess kumpens u danni hekk likwidati, bl-imgħax legali tat-8% fis-sena sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa nġunti in subizzjoni."

2. Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat ippreżentata fl-24 ta' Novembru 2021 fejn eċċepixxa in linea preliminari li r-rikorrenti għandhom jippruvaw it-titolu tagħhom kif ukoll iressqu prova li l-proprjetà in kwistjoni hija tabilħaqq soġġetta għal kirja li hija regolata bil-Kapitolu 199. Fil-mertu ġie eċċepiet li ai termini tal-Artikolu 37 (2) (f) tal-Kostituzzjoni, ir-rikorrenti ma jistgħux jattakkaw it-tħaddim tal-Kapitolu 199. Ingħad li f'kull każ ir-rikorrenti ma ġarrbu ebda ksur tal-jeddijiet tagħhom kif sanċit taħt l-Artikolu 37 peress li dan l-artikolu japplika biss meta jkun hemm teħid imġiegħel tal-proprjetà. Jgħid li dan m'huwiex il-każ hawnhekk anke għaliex l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 199 jelenka ċ-ċirkostanzi ta' meta sid ta' art agrikola jista' jitlob li l-kirja ma tibqax tiġġedded. Fir-rigward tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll ingħad li huwa improponibbli għal perjodu qabel it-30 t'April 1987 u dan ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 319. Ġie eċċepiet li l-*proviso* tal-istess artikolu jagħti setgħa lill-istat jgħaddi dawk il-liġijiet xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skond l-interessi ġenerali. Fir-rigward tal-Kapitolu 199, l-għan huwa wieħed leġittimu għax joħroġ mil-liġi, huwa fl-interess ġenerali għax huwa maħsub biex iħeġġeġ u jħares it-tkabbir ta prodotti agrikoli, fjuri u siġar tal-frott li huma meħtieġa għall-ħajja u iżomm bilanċ ġust u ekwu bejn l-interessi tas-sid, tal-bidwi u tal-poplu b'mod ġenerali. Ingħad li hemm proporzjonalità u dan peress li l-Artikolu 4 jippermetti ċirkostanzi sabiex il-kirja ma tiġġeddidx kif ukoll l-Artikolu 3 li jippermetti awment fil-qbiela u jkun hemm bdil fil-kundizzjonijiet. L-Avukat tal-Istat eċċepixxa li ma kien hemm ebda leżjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u dan għaliex tali artikoli japplikaw meta jkun hemm litiġju u ċioe proċeduri kontenzjużi fejn ġie miksur id-dritt għas-smigħ xieraq jew li wieħed ma kellux aċċess għal qrati biex jibda proċeduri kontenzjużi. Fir-rigward tat-talba għall-iżgumbrament bħala wieħed mir-rimedji, l-Avukat tal-Istat eċċepixxa li l-Qorti m'għandhiex il-kompetenza tagħmel dan.

3. Rat ir-risposta tal-intimati aħwa Abela tat-2 ta' Diċembru, 2021 fejn eċċepew li r-rikorrenti għandhom iġibu prova tat-titolu. Ġie eċċepiet ukoll li huma ma jistgħux jinsabu responsabbli għal ebda ksur tad-drittijiet fundamentali kif protetti bl-

Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Jgħidu li f'dan il-każ il-Gvern irregola sitwazzjoni soċjali fl-ambitu tal-protezzjoni tal-interess ġenerali tas-soċjetà mingħajr ma ġew preġudikati d-drittijiet tal-propjetarji. L-għan tal-Kapitolu 199 huwa dak li jingħata protezzjoni lis-settur tal-biedja u lil dawk li jaħdmu l-art – dan jikkwalifika bħala interess ġenerali. Eċċipew li l-miżura ta' kontroll t'użu tal-proprjetà hija waħda temporanja u dan anke għaliex hemm ċirkostanzi li fihom huma jistgħu jirriprendu l-proprjetà. Fissru li din ir-raba ilhom jaħdmuwha għal diversi snin u jaħdmuwha għall-iskop tal-għejxien tal-familja tagħhom biss; ebda parti mill-uċuħ ta' din ir-raba m'hija kummerċjalizzata. Eċċipew li huma m'għandhomx jiġu żgumbrati u lanqas għandhom jinsabu responsabbli għal ħlas ta' danni jew kumpens. Eċċipew li lanqas għandhom jinsabu responsabbli għall-ispejjeż tal-kawża.

4. Il-Qorti nominat lil Perit David Pace sabiex jirrelata dwar il-valur tal-qbiela tar-raba kif ukoll fuq il-valur lokatizzju tar-razzett mill-1987 sal-4 ta' Novembru 2021 u dan f'intervalli ta' ħames snin.

5. Rat ir-rapport tal-Perit David Pace ippreżentat fis-16 ta' Novembru 2022 u maħluf fid-19 ta' Jannar 2023.[1]

6. Rat in-nota bid-domandi in eskussjoni imressqa mill-Avukat tal-Istat ippreżentata fil-fit-23 ta' Jannar 2023[2] kif ukoll in-nota bir-risposti tal-Perit David Pace għall-istess mistoqsijiet ippreżentata fil-15 ta' Marzu 2023[3].

7. Rat il-provi kollha li resqu l-partijiet.

8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti ppreżentata fit-2 ta' Mejju 2023[4], in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati aħwa Abela ppreżentata fit-28 t'April 2023[5] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat ippreżentata fid-9 ta' Ġunju 2023[6].

9. Semgħet it-trattazzjoni finali tal-avukati tal-partijiet u għaddiet sabiex ħalliet il-kawża għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

[1] Fol 115 et seq tal-proċess.
[2] Fol 123 tal-proċess.
[3] Fol 124 tal-proċess.
[4] Fol 161 et seq tal-proċess.
[5] Fol 132 et seq tal-proċess.
[6] Fol 172 et seq tal-proċess.

**Prova tat-titolu**

10. L-ewwel inċiż tal-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat jingħad li r-rikorrent għandu jġib prova tat-titolu tiegħu fuq il-fond mertu tal-kawża. Fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom l-intimati Abela wkoll eċċipew li r-rikorrenti għandhom jippruvaw it-titolu tagħhom.

11. Il-ġurisprudenza hija waħda kopjuża f'dan ir-rigward, fejn għalmitna li fi proċeduri bħal dawk odjerni, m'għandux għalfejn jintwera li t-titolu huwa wieħed assolut u lanqas wieħed oriġinali u dan stante li din m'hijiex azzjoni ta' rivendika.[7]

12. Ir-rikorrenti ppreżentaw żewġ testmenti mar-rikors promotur. L-ewwel testment huwa tal-Monsinjur Dun Michele Spiteri redatt fid-19 ta' Frar 1970 fl-atti tan-Nutar Frank Xavier Dingli fejn inter alia:

> "B'titolu ta' prelegat it-testatur iħalli lil Spiridiona Camilleri, kuġina tat-testatur, bint il-mejjet Spiridione, ir-razzett bir-raba tieghu li qieghed f'Misrah Strejner, Zejtun, u l-ghalqa msejha "Tax-Xewkija" fil-limiti taz-Zejtun imqabbla ghand Giuseppe Ellul, b'rakkomandazzjoni qawwija da parti tat-testatur li dina l-legatarja ma tghollix il-qbiela sa kemm idum jahdem l-ghalqa l-istess Giuseppe Ellul."[8]

13. It-tieni testment huwa dak ta' Spiridiona Camilleri in atti Nutar Carmel Mangion tat-22 ta' Lulju 1996 fejn innominat u istitwiet "eredi universali u padruni assoluti ta' ġidha kollu mobbli u immobbli, indaqs bejniethom lil Spiridione, sive Ciro Camilleri [...]; lil Anthony Camilleri [...]; u lil Carmela sive Charlene Camilleri [...]"[9]

14. B'nota ir-rikorrenti ppreżentaw it-testment unica charta ta' Anthony Camilleri magħmul quddiem in-Nutar Ritienne Bugeja Fenech fis-27 ta' Jannar 2012 fejn innomina lill-martu Lorenza Camilleri bħala l-unika eredi universali, propjetarja u padruna assoluta ta' ġidu iżda "it-testatur qieghed ihalli lil bintu Fiona Cassar, mart Gordon b'titolu ta' pre-legat in piena proprieta kwalunkwe proprjetà immobbli derivanti mill-ereditajiet ta' missieru Joseph Camilleri u taz-zija tieghu Spiridiona Camilleri bis-sostituzzjoni volgari favur uliedha f'kaz ta' premorienza ghat-testatur, liema legat ikun konsegwibbli mal-gurnata tal-mewt tat-testatur."[10]

---

[7] Ara fost oħrajn **Robert Galea vs. Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Prim'Awla, Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) 7 ta' Frar 2017.
[8] Fol 12 tal-proċess.
[9] Fol 19 tal-proċess.
[10] Fol 153 tal-proċess.

15. Din il-Qorti tqis illi r-rikorrenti ippruvaw sodisfaċentement li huma s-sidien tal-immobbli mertu tal-kawża odjerna. Għalhekk tiċħad l-ewwel parti tal-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u kif ukoll tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati Abela.

**Prova tal-kirja**

16. Fit-tieni inċiż tal-ewwel eċċezzjoni l-Avukat tal-Istat jingħad li r-rikorrenti kellhom iressqu prova konvinċenti li l-proprjetà in kwestjoni hija soġġetta għal kirja regolata mill-Kapitolu 199.

17. Il-Qorti tosserva li ma saru ebda sottomissjonijiet ulterjuri fuq din l-eċċezzjoni mill-Avukat tal-Istat fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tiegħu.

18. In oltre, il-Qorti tqis ukoll li fil-mori tal-kawża Emanuel Abela ikkonferma li nannuh Carmelo Abela u warajh missierhom Giuseppi Abela kien ħa l-għalqa bi qbiela 'l fuq minn mitt sena ilu bl-aċċettazzjoni tas-sidien ta' dak iż-żmien u ċioe ta' Giuseppe Spiteri, missier Mons. Michele Spiteri, il-Mons Spiteri innifsu, warajh għand Spiridiona Camilleri u finalment għand ir-rikorrenti per *via di successione*. Din il-Qorti tosserva wkoll li mal-affidavit tagħha Charlene Camilleri annettiet irċevuta li tmur lura għas-17 t'Awwissu 1962 li turi li l-art in kwistjoni kienet qiegħda għand il-familja Abela bi qbiela tat-tnax il-Lira fis-sena.

19. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiċħad it-tieni inċiż tal-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat.

Ikkunsidrat;

**Mertu**

20. Qabel tgħaddi sabiex tikkonsidra l-mertu, il-Qorti tosserva li fin-nota ta' sottomissjonijiet finali, ir-rikorrenti ssottemettew is-segwenti:

> "Illi din hi azzjoni kostituzzjonali imsejsa fuq l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Jeddijiet ta' Bniedem, ossijja id-dgawdija paċifika tal-possedimenti u l-protezzjoni mill-privazzjoni sfurzata tal-istess proprjetà;

B'hekk l-esponenti jikkjarifikaw illi ma humiex qieghdin jinsistu aktar dwar ksur abbażi tal-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni (*fair hearing / aċċess għall-Qorti*) u qiegħdin jirtiraw din il-premessa;"[11]

21. In vista ta' din is-sottomissjoni l-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tar-rikorrenti in kwantu msejsa fuq Artikolu 39 tal-Kostituzjoni u fuq Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra t-talbiet rikorrenti limitatament fir-rigward tal-allegat leżjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.

**Allegat leżjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni**

22. Permezz tal-ewwel talba tagħhom ir-rikorrenti qegħdin jitolbu li jiġi ddikjarat u deċiż li d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 199, Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba, partikularment l-Artikoli 3, 4 u 14 tal-istess kapitolu qegħdin jagħtu dritt ta' rilokazzjoni indefinita lill-intimati aħwa Abela għar-raba u razzett anness ma' l-istess raba' li jinstab f'Misraħ Strenju, ż-Żejtun u jagħmluha impossibbli li l-istess rikorrenti jirriprendu l-pussess tal-imsemmija proprjetà bi ksur tal-Artikolu 37 u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.

23. Min-naħa l-oħra l-intimati jeċċepixxu li ma jirriżultax li t-tiġdid tal-kiri tar-raba skont il-Kapitolu 199 imur kontra l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kontra l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Isostnu li bl-applikazzjoni tal-Kapitolu 199 r-rikorrenti ma tilfux għal kollox il-jeddijiet kollha tagħhom fuq il-ġid in kwistjoni. Jispjegaw li tant huwa l-każ li l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 199 jipprovdi lista sħiħa ta' ċirkostanzi meta sid ta' art agrikola jista' jitlob li l- kirja ma tibqax tiġġedded. Jispjegaw ukoll li r-rikorrenti bħala sidien jistgħu fl-ambitu ta' dik il-liġi jitolbu li jinbidlu l-kundizzjonijiet tal-kirja sabiex dawn jiġu jirriflettu kirjiet oħra li huma paragunabbli fl-istess żona skond is-suq preżenti mingħajr limitazzjoni u dan kif jipprovdi l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 199.

24. L-Avukat tal-Istat eċċepixxa wkoll li l-Artikolu 37(2)(f) tal-Kostituzzjoni jeskludi l-applikazzjoni tal-Artikolu 37 meta si tratta ta' teħid f'kuntest ta' kirja. Eċċepixxa wkoll li l-Artikolu 37 jgħodd biss meta jkun hemm teħid imġiegħel tal-proprjetà.

25. F'dak illi jirrigwarda l-Artikolu 37(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, issir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjoni fl-ismijiet **Vincenza sive Sina Magro vs L-Avukat tal-Istat et** fil-31 ta' Mejju 2023, fejn fissret li:

---

[11] Fol 163 tal-proċess.

"12. [...] L-Artikolu 37(2)(f) jipprovdi espressament li l-Artikolu 37 ma japplikax għal dak li jirrigwarda t-teħid ta' proprjeta' bħala inċidentali għall-kirja. Il-Qorti tosserva pero' li permezz ta' din il-kawża l-attriċi mhijiex qed tilmenta dwar teħid ta' proprjeta', il-pussess ta' liema ġie wara kollox mogħti liberament lill-inkwilin mill-awturi tal-attriċi meta sar il-ftehim ta' kera. L-ilment tal-attriċi jirrigwarda l-kontroll ta' użu tal-proprjeta' tagħha, primarjament billi skont hi l-liġi ġġiegħla tkompli ġġedded il-kera u timponi kondizzjonijiet li joħolqu piż individwali eċċessiv kontra tagħha. Inoltre, parti sostanzjali mill-ilment tal-attriċi jirrigwarda l-quantum tal-kera pagabbli lilha b'konsegwenza tal-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta' Malta, kwistjoni li dwarha żgur mhijiex eskluża l-applikabbilita' tal-Artikolu 37 permezz tas-sub-inċiż ċitat mill-Avukat tal-Istat."

26. Ingħad diversi drabi mill-qrati nostrana li l-leġislatur ried li tingħata interpetazzjoni wiesgħa għall-oġġett ta' teħid fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni li jista' jkun "interess" jew "dritt" fi proprjetà "ta' kull xorta". Dan qiegħed jingħad ukoll fuq l-iskorta ta' dak li ntqal fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-24 ta' Ġunju 2016 fil-kawża fl-ismijiet **Vincent Curmi et vs. Avukat Ġenerali et**:

"Jigi osservat li, ghalkemm il-kaz odjern ma jittrattax esproprijazzjoni imma jirrigwardja t-tehid ta' interess fi proprjetà ghal skopijiet ta' kirja, dan it-tehid ta' interess tant hu rigidu u wiesa' li fil-prattika jservi sabiex jippriva lir-rikorrenti bhala sidien mill-uzu u mit-tgawdija tal-proprjetà` taghhom."

27. F'sentenza fl-ismijiet **Brian Psaila vs. Avukat Generali et**, mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Marzu 2020 li kienet tirrigwarda appell mill-Avukat Ġenerali minn sentenza li *inter alia* sabet li bl-emendi għall-Kapitolu 158 li daħlu fis-seħħ permezz tal-XXIII tal-1979 kien hemm leżjoni tad-dritt fundamentali protett bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti Kostituzzjonali kellha dan xi tgħid fir-rigward:

"11. Fl-ewwel aggravju tal-appell tieghu l-Avukat tal-Istat jghid illi, peress li kien hemm biss kontroll ta` uzu tal-proprjetà tal-attur u ma kien hemm ebda "tehid forzuz ta` proprjetà", u s-sid ma giex "zvestit minn kull dritt li ghandu fuq dik il-proprjetà", il-kaz ma jintlaqatx bl-art. 37 tal-Kostituzzjoni.

12. Dan l-aggravju huwa manifestament hazin.

13. L-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma jghidx biss li ma tista` tittiehed ebda proprjetà minghajr il-hlas ta` kumpens xieraq, izda wkoll illi "ebda interess fi jew dritt fuq proprjetà" ma jista` jittiehed minghajr dak il-kumpens. Fic-cirkostanzi tal-kaz tallum huwa car illi lill-attur, bis-sahha tal-ligi impunjata, ittehidlu l-jedd

li jkollu l-pussess battall tal-fond, li certament huwa "interess" fil- proprjetà u dritt fuqha."

28. Din il-Qorti tirrikonoxxi l-fatt illi ż-żewġ sentenzi appena ċitati ma kinux dwar il-kostituzzjonalita o meno tal-Kapitolu 199, madanakollu, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-prinċipji legali fihom enunċjati japplikaw anke għall-każ odjern. Tal-istess fehma kienet ukoll din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet **Avukat Dottor Francis Lanfranco vs. Avukat Ġenerali et** deċiża fit-19 ta' Marzu 2021, fejn il-Qorti applikat dawn l-istess prinċipji legali ġenerali għal eċċezzjoni bħal dik sollevata mill-Avukat tal-Istat, f'kawża illi kienet tirrigwarda l-Kapitolu 199.

29. Konsegwentement din il-Qorti ma tqisx illi l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jitkellem biss dwar deprivazzjoni ta' titolu, u lanqas tikkonsidra illi l-Artikolu 37 ma hux applikabbli għall-każ odjern sempliċiment għaliex ir-rikorrenti ma tilfux għal kollox il-jeddijiet tagħhom fuq il-ġid in kwestjoni. Din il-Qorti hi tal-fehma illi Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jinkwadra fih anke limitazzjoni tat-tgawdija ta' proprjetà.

30. Dan magħdud din il-Qorti tqis li l-għan tal-Kapitolu 199 huwa li jirregola l-kiri mill-ġdid ta' raba u biex jipprovdi għall-ħwejjeġ konnessi u anċillari. L-Artikolu 3 tal-imsemmi kapitolu jittratta t-tibdil ta' kundizzjonijiet ta' kirja, filwaqt li l-Artikolu 4 jittratta n-nuqqas ta' tiġdid ta' kirja f'ċertu każijiet. Il-liġi telenka ċirkostanzi fejn is-sid jista' jitlob tibdil fil-kundizzjonijiet tal-kirja, jew inkella ċirkostanzi fejn is-sid jista' jitlob il-ħall tal-kirja.

31. Dwar l-Artikoli 3, 4 u 14 tal-Kapitolu 199, issir referenza għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet **Avukat Dottor Francis Lanfranco vs Avukat Ġenerali et** imsemmija aktar 'l fuq, illi fiha ġie ritenut is-segwenti:

"Il-prova li trid issir meta s-sid jitlob li jieħu lura l-art hija rigoruża ferm. Minħabba r-*ratio legis* il-Kap 199 jagħmilha diffiċli għas-sid li jirnexxi fit-talba tiegħu. Waqt illi l-leġislatur ħaseb għal numru ta' ċirkostanzi fejn ir-ripreża tal-pussess tista' tintalab, fl-istess waqt għamilha diffiċli ferm għas-sid li jirnexxi fl-istanza tiegħu. Ittenta jsib rimedju għas-sid iżda fl-istess waqt iċ-ċirkostanzi li ssemmi l-liġi jmorru favur il-protezzjoni tal-kirja.

Tajjeb jingħad illi lanqas bi ftehim bejn is-sid u l-inkwilin ma jistgħu jiġu akkordati termini jew kondizzjonijiet li jipprivaw lill-kerrej minn xi jedd jew benefiċċju li jkun akkwista bil-Kap 199.

L-Art 14 tal-Kap 199 espressament jimponi divjet.

Kull varjazzjoni fil-kondizzjonijiet lokatizji trid tgħaddi mill-għarbiel rigoruż tal-liġi kif applikata mill-Bord.

Isegwi li għax il-kirja hija regolata b'disposizzjonijiet stretti u limitati, ir-rikorrent huwa kostrett li ma jmurx quddiem il-Bord għaliex dak li jipprovdi l-Kap 199 ma jindirizzax il-vjolazzjoni li allegatament qiegħed iġarrab ir-rikorrenti.

Anke li kieku r-rikorrent iressaq talba għal awment fil-qbiela quddiem il-Bord, xorta waħda jibqa` l-fatt illi l-ammont illi l-Bord jista` jiffissa bil-liġi huwa baxx hafna meta mqabbel mal-valur lokatizju tal-art fis-suq ħieles. Il-ħsieb tal-liġi kien li l-art agrikola tibqa` sservi bħala għajn ta` għejxien għal min jaħdem l-art u għal min mill-familja tiegħu jkun baqa` jaħdem l-art. Tant hu hekk li l-liġi tintervjeni b`saħħa meta l-art agrikola titħalla sdingata għal aktar minn sena. Pero` tajjeb jingħad ukoll li anke f`każi bħal dawn il-Bord mexa b`kawtela fl-apprezzament tal-provi.

Anke l-valur tal-art bħala art agrikola llum m`għandux paragun ma` kif kien mhux biss meta saret il-liġi iżda anke wara. It-tkattir tal-ġid u t-titjib ekonomiku jġib miegħu inflazzjoni ta` prezzijiet speċjalment fil-propjeta` anke jekk tkun art agrikola. Il-prinċipji li fil-passat wasslu għal ċerta leġislazzjoni bħal ma huwa l-Kap 199 hemm bżonn li jiġu maħsuba tenut kont tal-iżvilupp mgħaġġel li għadda minnu l-pajjiż ċertament matul dawn l-aħħar tletin sena."

32. F'dak illi jirrigwarda l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 199, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **J&C Properties Limited vs. Nazzareno Pulis et** tat-23 ta' Novembru 2020, illi fiha ġew enunċjati prinċipji legali illi jsibu applikazzjoni għall-każ odjern:

"12. L-Avukat tal-Istat ikompli jgħid illi, ukoll jekk hu meħtieġ rikors taħt l-art. 4 tal-Kap 199, dan ma jfissirx li s-sid ma jistax jieħu lura r-raba', għax l-art. 4(2) jsemmi għadd ta' sitwazzjonijiet fejn il-kiri jista', fuq talba tas-sid, ma jiġġeddidx. Dan huwa minnu; l-art 4(2) jsemmi sitt sitwazzjonijiet fejn talba tas-sid biex jieħu lura l-pussess tar-raba' għandha tintlaqa', tnejn minnhom minħabba ħtieġa tas-sid u l-erbgħa l-oħra minħabba nuqqasijiet tal-kerrej. Tnejn biss għalhekk huma s-sitwazzjonijiet fejn is-sid jista' jitlob li jieħu lura r-raba' bla ma jkollu jiddependi fuq dak li jkun għamel jew naqas li jagħmel il-kerrej: jekk jeħtieġ ir-raba' biex jaħdmu hu jew jekk jeħtieġ ir-raba', basta ma jkunx raba' saqwi, għall-bini. Dan ifisser li jekk is-sid ma huwiex huwa stess bidwi, jew jekk ma għandux il-kapital meħtieġ biex jibni l-art, ma jistax jieħu r-raba' lura, sakemm il-kerrej joqgħod attent li jħares il- kondizzjonijiet li trid il-liġi. Tassew,

is-sid jista' jbigħ l-art lil min għandu l-kapital meħtieġ biex jiżviluppaha, u f'dak il-każ ir-restrizzjonijiet fuq id-drittijiet tiegħu ma jkunux daqshekk drastiċi. Madanakollu, [...] xorta fil-fehma tal-qorti hemm limitazzjonijiet fuq id-drittijiet tas-sid li minħabba fihom ma jistax igawdi bis-sħiħ il-proprjeta' tiegħu."[12]

Il-Qorti Kostituzzjonali kompliet tgħid:

"27. F'dan l-aggravju l-attriċi għandha raġun. L-ewwel qorti qalet illi l-każ tallum ma jintlaqatx bl-art. 37 għax id-disposizzjonijiet tal-Kap. 199 ma jwasslux għal "teħid forzuz" tal-proprjetà iżda biss għal kontroll fl-użu tagħha, b'mod illi s-sid ma jiġix "fattwalment żvestit" minn kull dritt li jkollu fuq il-proprjetà".

28. Dan ma huwiex korrett. L-art. 37 tal-Kostituzzjoni ma jħarisx lis-sid biss minn "żvestiment" totali tad-drittijiet u interessi tiegħu fuq il-proprjetà. Li jgħid l-art. 37 hu illi "ebda interess fi jew dritt fuq proprjetà" ma għandu jinkiseb mingħajr kumpens xieraq. Il-*ius possidendi* tas-sid huwa ċertament interess fi jew dritt fuq proprjetà u għalhekk it-teħid ta' dak id-dritt jintlaqat bl-art. 37 tal-Kostituzzjoni.

29. Għalkemm effettivament ma jagħmel ebda differenza prattika, għax il-konsegwenzi tal-ksur tal-art. 37 tal-Kostituzzjoni huma l-istess bħal dawk tal-ksur tal-art. 1 tal-Ewwel Protokoll, dan l-aggravju għandu jintlaqa', u dik il-parti tas-sentenza li ma sabitx ksur tal-art. 37 tal-Kostituzzjoni għandha titħassar."

33. Huwa evidenti minn din il-ġurisprudenza u oħrajn tal-Qorti Kostituzzjonali, għalhekk, illi minkejja illi l-Artikolu 4 isemmi lista ta' ċirkostanzi meta sid ta' art agrikola jista' jitlob ir-ripreża tar-raba, fil-punt meta ġiet intavolata l-kawża odjerna, din il-lista kienet waħda riġida illi ma toffri l-ebda flessibilita, b'dan illi filwaqt huwa minnu li r-rikorrenti u l-antekawża tagħhom kienu jgawdu d-dritt illi jmorru quddiem il-Bord, tali dritt xorta waħda kellu l-limitazzjonijiet tiegħu, u l-possibilità ta' ripreża tar-raba kienet soġġetta għal test strett, b'dan illi r-rikorrenti u l-antekawża tagħhom xorta waħda ma setgħux jutilizzaw ir-raba proprjetà tagħhom kif xtaqu huma.

34. Finalment, il-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll illi l-intimati Abela u l-familja tagħhom kellhom fil-pussess tagħhom raba b'kejl superfiċjali globali ta' 5424.6 , għal qbiela ta' €27.95 fis-sena. Jekk forsi kien hemm żmien illi qbiela fl-ammont ta' €27.95 (Lm12) fis-sena kienet ġusta, dan assolutament mhux il-każ fir-realtà tal-lum, u l-

[12] Ara wkoll **Vincenza sive Sina Magro vs. L-Avukat tal-Istat et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 2023 u **Carmelo Azzopardi noe et vs. Avukat tal-Istat et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju 2023.

fatt li l-Kapitolu 199 kien joffri biss rimedju ristrettiv għall-aħħar, li ma kien jagħti l-ebda garanzija ta' frott favur is-sidien, ma jtaffi xejn mis-sitwazzjoni li kienu fiha r-rikorrenti u l-antekawża tagħhom bħala sidien ir-raba.

35. **Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespot, din il-Qorti tqis illi l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni japplika għall-każ odjern, u wkoll li r-rimedji li kienu joffru l-Artikolu 3, 4 u 14 tal-Kapitolu 199 qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XXII tal-2022 u ċioe kif kienu jaqraw l-imsemmija artikolu sad-data meta ġiet intavolata l-kawża odjerna, ma kinux suffiċjenti sabiex jissodisfaw dak illi jistabbilixxi l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Konsegwentement ir-rikorrenti u l-antekawża tagħhom sofrew leżjoni tad-dritt fundamentali tagħhom kif sanċit mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni sad-data illi fiha ġiet intavolata l-kawża odjerna.**

**Allegat leżjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni**

36. L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jipprovdi li

> "Kull persuna naturali jew persuna morali għandha d-dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha.
>
> Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.
> Iżda d-disposizzjonijiet ta` qabel ma għandhom b`ebda mod inaqqsu d-dritt ta` Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjetà` skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta` taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni."

37. Ir-rikorrenti jsostnu li l-operazzjoni tal-artikoli tal-liġi misjuba fil-Kapitolu 199 iċaħħadhom mid-dritt tagħhom għat-tgawdija tal-possediment kif protett ukoll bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni sew għaliex il-liġi tirrendi kważi impossibbli għalihom li jirriprendu l-pussess effettiv tal-fond mertu tal-kawża kif ukoll għaliex timpedixxi lis-sidien milli jitolbu mingħand l-inkwilini forzat fuqhom kera ġusta.

38. Min-naħa l-oħra l-intimat Avukat tal-Istat jeċċepixxi li l-Istat għandu kull dritt li jgħaddi dawk il-ligijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-użu tar-raba skont l-interess ġenerali u jgawdi minn diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika x'inhu meħtieġ fl-interess ġenerali u sabiex jistabbilixxi liema huma dawk il-miżuri soċjali meħtieġa għall-ħarsien tal-interess ġenerali.

39. L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll fih tliet regoli: L-ewwel regola tistabbilixxi d-dritt li kull persuna tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet. It-tieni regola trid li biex persuna ma titħalliex tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku u bla ħsara ta' kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi u l-prinċipji ġenerali ta' dritt internazzjonali. It-tielet regola trid li l-ewwel żewġ regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq liġijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-użu tal-ġid skond l-interess ġenerali, jew (b) biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew pieni.

40. Huwa wkoll paċifiku illi għalkemm il-Konvenzjoni tippermetti li l-Istat jinterferixxi fit-tgawdija ħielsa tal-proprjetà li tista' wkoll tinkludi it-teħid bil-forza ta' dik il-proprjetà, dan għandu jibqa' dejjem l-eċċezzjoni għar-regola tad-dritt għat-tgawdija ħielsa tal-ġid filwaqt li jeħtieġ li anke f'dawk iċ-ċirkostanzi jinstab bilanċ bejn l-interessi tas-soċjetà in ġenerali u d-drittijiet tal-individwu milqut b'dik l-azzjoni tal-Istat.

41. Huwa llum paċifiku illi l-kontroll fil-qbiela mhux biss qed isir f'qafas legali iżda wkoll li l-istess liġi għandha għan fl-interess pubbliku. Però dan mhux biżżejjed sabiex isalva lil dik il-liġi milli tinstab leżiva tad-drittijiet fundamentali tal-individwu milqut bl-effetti tagħha.

42. Meta l-Istat jgħaddi liġijiet li jċaħħdu lis-sid mit-tgawdija paċifika ta' ħwejġu, mhux biżżejjed illi jkun qiegħed jaġixxi fil-parametri tal-liġi u bi skop li tgawdi s-soċjetà in ġenerali. Ikun jonqos u meħtieġ li sabiex jiġi evitat ksur tal-Konvenzjoni, min ikun ġie drastikament imċaħħad kontra r-rieda tiegħu mit-tgawdija ħielsa ta' ħwejġu li ta' lanqas jingħata kumpens adegwat, kumpens intiż sabiex jagħmel ġustizzja mal-vittma tal-leżjoni tad-dritt fundamentali u li jinnewtralizza sakemm possibbli d-dannu konsegwenzjali soffert.

43. Fis-sentenza **Avukat Dottor Francis Lanfranco vs. Avukat Ġenerali et** mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-18 ta' Marzu 2021 ingħad illi:

> "Huwa kważi ċert il-fatt illi meta ngħatat il-qbiela l-ewwel darba ma setax ikun raġjonevolment previst li fl-1967 kienet sejra ssir liġi sabiex tikkontrolla l-kiri tar-raba`. Inoltre r-rikorrent u lanqas l-antekawża tiegħu ma setgħu jipprevedu kif kien ser jinbidel is-suq matul iż-żmien. Tajjeb jingħad illi l-introduzzjoni tal-Att

XVI tal-1967 kellu skop leġittimu u sar fl-interess ġenerali għaliex kien intiż sabiex jipproteġi is-settur agrikolu fi żmien meta ħafna familji kienu jiddependu fuq il-biedja għall-għixien tagħhom.

L-istorja soċjali u ekonomika tal-pajjiż turi li, meta saret, il-liġi kienet neċessarja u l-ħsieb warajha kien tajjeb. L-iżvilupp tal-pajjiż matul is-snin wara l-1967 ġab miegħu mobilita` mgħaġġla ta` persuni li ma baqgħux jaħdmu l-għelieqi sabiex jgħixu minnhom u marru lejn setturi oħra fejn it-tkattir tal-ġid huwa akbar għaliex mhuwiex dipendenti fuq dak li jiġi min-natura u fejn it-tbatija fisika hija anqas minn dik ta` xogħol ieħor.

Ġara għalhekk illi dak l-intervent leġislattiv għalkemm kellu propositi tajba ma baqax joffri bilanċ bejn l-interessi tas-sid u tal-kerrej anzi inħoloq sproporzjon u żvantaġġ qawwi kontra s-sid. Fil-każ ta` llum mhux magħruf meta bdiet il-kirja bejn l-antekawża tar-rikorrent u l-antekawża tal-intimati Galea. Li ċertament irriżulta huwa li l-kirja kienet ilha għaddejja għexieren ta` snin dejjem favur il-familjari tal-intimati. Ir-rata ta` kera li r-rikorrent u l-antekawża tiegħu setgħu jipperċepixxu skont id-disposizzjonijiet tal-Kap 199 meta mqabbla mal-kera fis-suq ħieles hija <u>oġġettivament</u> baxxa. Il-kostatazzjonijiet, l-osservazzjonijiet u l-konklużjonijiet tal-perit tekniku huma prova nkonfutabbli.

Il-protezzjoni li l-liġi preżentement tagħti lit-tkomplija tal-kirja ma tippermettix lis-sid u lill-inkwilin li jiftehmu żmien għat-tmiem tal-kirja. Kjarament il-Kap 199 jiffavorixxi lill-inkwilin a skapitu tas-sid għaliex dan m`għandux kontroll la fuq ripreża tal-pussess u lanqas fuq l-ammont ta` qbiela li jista` jitħallas. Il-kriterji tal-liġi kif inhuma sal-lum ma jirriflettux is-suq.

Il-legalita` tal-Kap 199 mhijiex kontestata. Fl-istess waqt tajjeb jingħad ukoll li għandu raġun ir-rikorrent meta jilmenta li bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kap 199 qed iġarrab ksur tal-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni għaliex jirriżulta ppruvat li mill-mod kif l-Istat ikkontrolla l-użu tal-proprjeta` tiegħu b`dik il-liġi ħoloq żbilanċ u sproporzjon kontra tiegħu, fatturi dawn li ma kienux iseħħu li kieku r-rikorrent tħalla jgawdi l-propjeta` sal-milja tagħha."

44. Ikkonfermat l-istess ukoll il-Qorti Kostituzzjonali, meta fis-sentenza fl-ismijiet **Baldacchino Holdings Limited vs L-Avukat Ġenerali et** mogħtija fit-12 ta' Lulju 2023 irriteniet:

"18. Il-kera baxxa li huma intitolati għaliha sidien il-kera qiegħed joħloq nuqqas ta' proporzjonalita' bejn l-interess ġenerali u l-interess tal-privat. Il-piż qiegħed iġorru kollu s-sid. L-Art. 3(2)(ċ) ma kienx joffri rimedju adegwat li jiggarantixxi li

s-sid jirċievi kera xierqa u fl-istess ħin iżomm bilanċ mal-interess ġenerali. Tant hu hekk li wara ħafna snin, il-leġislatur emenda l-liġi."

45. Huwa minnu li hija l-prerogattiva esklussiva tal-Istat li minn żmien għal żmien jilleġisla bil-għan li jissalvagwarda s-settur agrikolu f'Malta, inkluż li jintrometti fl-użu u t-tgawdija ta' proprjetà ta' ċittadini privati. Madankollu, fit-tħaddim tad-diskrezzjoni tiegħu li joħloq mekkaniżmu li jipproteġi settur partikolari huwa xorta m'għandux il-*mano libera* li jippreġudika b'mod sproporzjonat id-drittijiet ta' sidien tal-artijiet agrikoli. Huwa minnu wkoll li l-karba ta' propjetarji illi r-raba tagħhom hija soġġetta għal qbiela, hekk kif ġia spjegat aktar 'il fuq, ġiet illum indirizzata bil-promulgazzjoni tal-Att XXII tal-2022 iżda dawn l-emendi ma jsibux applikazzjoni għall-perijodu mertu tal-kawża odjerna.

46. Fil-każ odjern, il-Qorti nominat bħala perit tekniku lill-Perit David Pace sabiex jistabbilixxi l-valur lokatizzju tar-razzett u l-qbiela tar-raba adjaċenti bl-iskop li jinstab jekk inżammx bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien u l-interess ġenerali u f'każ negattiv sabiex jiġu kwantifikati d-danni pekunjarji reklamati mir-rikorrenti. L-imsemmi Perit wasal għas-segwenti ċifri:

| **Sena** | **Stima tal-Perit annwali tar-raba biss (Qbiela) (€)** | **Stima tal-Perit annwali tar-razzett bħala binja residenzjali biss(€)** | **Kera mħallsa jew li kellha titħallas (€)** |
|---|---|---|---|
| 1987 | 2,068 | 7,096 | 27.95 |
| 1988 | 2,068 | 7,096 | 27.95 |
| 1989 | 2,068 | 7,096 | 27.95 |
| 1990 | 2,068 | 7,096 | 27.95 |
| 1991 | 2,068 | 7,096 | 27.95 |
| 1992 | 2,260 | 7,680 | 27.95 |
| 1993 | 2,260 | 7,680 | 27.95 |
| 1994 | 2,260 | 7,680 | 27.95 |
| 1995 | 2,260 | 7,680 | 27.95 |
| 1996 | 2,260 | 7,680 | 27.95 |
| 1997 | 2,697 | 9,170 | 27.95 |
| 1998 | 2,697 | 9,170 | 27.95 |
| 1999 | 2,697 | 9,170 | 27.95 |
| 2000 | 2,697 | 9,170 | 27.95 |
| 2001 | 2,697 | 9,170 | 27.95 |
| 2002 | 3,033 | 10,300 | 27.95 |
| 2003 | 3,033 | 10,300 | 27.95 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2004 | 3,033 | 10,300 | 27.95 |
| 2005 | 3,033 | 10,300 | 27.95 |
| 2006 | 3,033 | 10,300 | 27.95 |
| 2007 | 3,385 | 11,500 | 27.95 |
| 2008 | 3,385 | 11,500 | 27.95 |
| 2009 | 3,385 | 11,500 | 27.95 |
| 2010 | 3,385 | 11,500 | 27.95 |
| 2011 | 3,385 | 11,500 | 27.95 |
| 2012 | 3,848 | 13,080 | 27.95 |
| 2013 | 3,848 | 13,080 | 27.95 |
| 2014 | 3,848 | 13,080 | 27.95 |
| 2015 | 3,848 | 13,080 | 27.95 |
| 2016 | 3,848 | 13,080 | 27.95 |
| 2017 | 4,036 | 13,720 | 27.95 |
| 2018 | 4,036 | 13,720 | 27.95 |
| 2019 | 4,036 | 13,720 | 27.95 |
| 2020 | 4,036 | 13,720 | 27.95 |
| 2021 | 4,036 | 13,720 | 27.95 |
| 2022 | 3,750 | 12,500 | 23.29 |
| **Total** | **110,385** | **375,230** | **1,001.54** |

47. Huwa evidenti għall-aħħar minn din it-tabella id-diskrepanza enormi li hemm bejn il-qbiela li irċevew ir-rikorrenti fuq perijodu ta' 35 sena u l-potenzjal ta' kera li setgħu jirċevu kieku ma kienux imxekkla mill-operazzjoni tal-liġi li qegħdin hawn jimpunjaw. Din il-Qorti tagħmel tagħha dak li ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza hawn fuq ċitata, u tqis illi ma ġiex sodisfatt it-tielet element rikjest mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, stante illi l-Kapitolu 199, sal-promulgazzjoni tal-Att XXII tal-2022, ma kienx iżomm bilanċ ġust u proporzjonat bejn l-għan soċjali u l-ħtieġa li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien qua propjetarji.

48. **Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti tikkonkludi billi ssib illi ġew leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.**

Ikkunsidrat;

**Il-Perijodu tal-Leżjoni Relevanti għal-Likwidazzjoni tad-Danni**

49. In vista tal-fatt li r-rikorrenti sofrew piż sproporzjonat meta ġew imċaħħda mit-tgawdija tal-proprjetà tagħhom kawża tal-applikazzjoni tal-provedimenti tal-Kapitolu 199 kif applikabbli fiż-żmien rilevanti mingħajr kumpens ġust, huma għandhom jingħataw rimedju xieraq konsistenti f'kumpens.

50. Fin-nota ta' sottomissjonijiet finali r-rikorrenti talbu li l-kumpens għandu jiddekorri mis-sena 1967 u ċioe mid-dħul fis-seħħ tal-Kapitolu 199.

51. Fit-28 ta' Settembru 2022, il-Qorti wara li saritilha talba mir-rikorrenti għal ħatra ta' Perit Tekniku, hija għaddiet sabiex innominat lill-Perit Tekniku David Pace sabiex jirrelata dwar il-valur tal-qbiela tar-raba kif ukoll fuq il-valur lokatizju tar-razzett, mill-1987 sal-4 ta' Novembru 2021, u dan f'intervalli ta' ħames snin il-wieħed. Fuq domanda in eskussjoni tal-Avukat tal-Istat, il-Perit Tekniku pprovda wkoll il-valur lokatizju tar-raba mill-1987 sal-2021.

52. Ma kien hemm ebda kontestazzjoni waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru 2022 u lanqas talba fi stadju ulterjuri sabiex il-Perit jirreletta minn xi sena differenti minn dik ordnata mill-Qorti. Għaldaqstant il-Qorti ssib li fin-nuqqas ta' dan u fin-nuqqas ta' kuntratt li juri d-durata tal-qbiela, il-Qorti sejra tikkalkula l-kumpens mis-sena 1987. Il-kumpens ser jiġi kkalkolat sas-sena 2022, sena li tikkoinċidi mad-dħul fis-seħħ tal-Att XXII tal-2022.

53. Dwar il-*quantum* il-Qorti tqis li fis-sentenza **Vincenza Magro vs. Avukat tal-Istat et** suċċitata, il-Qorti Kostituzzjoni applikat il-linja gwida mogħtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawża fl-ismijiet **Cauchi v. Malta** deċiża fil-25 ta' Marzu 2021**. I**l-linji gwida huwa fis-sens li l-istima tal-kera tal-fond fis-suq miftuħ għandha titnaqqas:

   a. Bi tletin fil-mija (30%) għall-iskop leġittimu tal-liġi speċjali;
   b. B'għoxrin fil-mija (20%) ġaladarba ma teżisti l-ebda garanzija li l-fond kien ser ikun mikri matul il-perjodu rilevanti kollu, u
   c. bil-valur tal-kera mħallsa mill-inkwilin jew fin-nuqqas bil-kera perċepibbli skond il-liġi.

54. il-Qorti Kostituzzjonali kienet flessibbli fl-applikazzjoni tal-formola applikata f'Cauchi v. Malta. Fis-sentenza suċitata fl-ismijiet **Baldacchino Holdings Ltd vs. L-Avukat Ġenerali et**, il-Qorti Kostituzzjonali nnotat illi r-rikorrenti kienu xtraw l-art bi prezz favorevoli ħafna preċiżament għaliex l-għalqa mertu tal-kawża kienet mikrija, u għalhekk iddeċidiet illi s-soċjetà rikorrenti ma kellhiex tingħata kumpens għall-

ewwel ħmistax-il sena minn meta saret sid tal-art. In oltre, il-Qorti Kostituzzjonali osservat illi, meqjus li r-raba' f'dak il-każ kienet raba' bagħli, u li min ried jikri kellu jara minn fejn ser iġib l-ilma, il-valutazzjoni mogħtija mill-Periti addizzjonali ta' €40 għal kull metru kwadru ma kienx wieħed illi jirrifletti l-valur lokatizju ta' raba fis-suq miftuħ għal użu agrikolu, iżda ta' raba li tintuża għal xi skop ieħor. Għaldaqstant, il-Qorti Kostituzzjonali naqset il-quantum tad-danni pekunjarji b'50% b'riflessjoni tal-inċertezza li l-atturi f'dik il-kawża kellhom li jikru l-proprjetà tul il-perjodu kollu, minflok l-20% illi s-soltu jiġu mnaqqsa skont il-formola f'Cauchi v. Malta.

55. Dan il-ħsieb il-Qorti Kostituzzjonali applikatu wkoll fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Azzopardi et vs. Avukat tal-Istat et** deċiża fit-12 ta' Lulju 2023:

> "25. Wieħed jista' jargumenta li diffiċli ssib bidwi li jaqla' l-għixien tiegħu li ser imur ifittex jixtri art bħal dik oġġett tal-kawża b'dawk il-valuri li qal il-perit tekniku, meta lanqas biss mhi saqwi u hu evidenti li t-tip ta' prodott agrikolu li jista' jitkabbar fl-art hu limitat. L-istess japplika għall-istimi ta' kera li ta l-perit tekniku (fol. 63). Madankollu fl-atti m'hemmx prova aħjar, għalkemm il-Qorti temmen li f'każ bħal dan tiżdied l-inċertezza kemm ir-raba' kienet ser tkun mikrija għall-perjodu kollu rilevanti. M'hemmx dubju li l-liġi qiegħda tagħti protezzjoni wkoll lill-kerrej li hu dilettant u l-prodott agrikolu li jieħu jikkunsmah hu u l-familja tiegħu. Fil-fatt irriżulta li r-rikorrent għandu impieg *full time* u żgur li ma ntweriex li jiddependi mir-raba' oġġett tal-kawża għall-għixien tiegħu u tal-familja, apparti li mhuwiex jipprovdi prodot agrikoli għas-suq. L-għan wara l-protezzjoni li jagħti l-Kap. 199 kien sabiex jkompli jiggarantixxi mezz ta' għixien għal min jaħdem ir-raba' u wkoll biex jibqa' jkun hawn prodott agrikolu lokali fis-suq.
>
> 26. Għalhekk Kap. 199 ma jagħmel l-ebda distinzjoni bejn dawk il-kerrejja li huma bdiewa li jaqilgħu l-għixien tagħhom mill-biedja u nies bħall-konvenut li huma biss dilettanti, li jikru għalqa u jkabbru xi prodott agrikolu għall-konsum personali tagħhom. Il-protezzjoni li tagħti l-liġi qiegħda sservi wkoll sabiex tipproteġi l-art agrikola f'Malta, fejn nafu li mhijiex f'abbundanza u biż-żmien qiegħda tkompli titnaqqar bi żvilupp li qiegħed jiġi permess f'żoni li jaqgħu barra miż-żoni ta' żvilupp. Dan qiegħed iwassal għal telfien ta' raba' agrikola. Hu fl-interess ġenerali li żoni rurali jkunu protetti mill-iżvilupp. Għalkemm il-protezzjoni ta' art agrikola suppost issir b'liġijiet ta' ppjanar, *policies* u nfurzar effettiv u f'waqtu, il-Kap. 199 qiegħed joffri mezz ieħor għall-konservazzjoni ta' art agrikola li hi essenzjali għall-ambjent, iktar u iktar meta tikkunsidra ċ-ċokon ta' daqs tal-pajjiż.
>
> [...]

29. Skont il-perit tekniku matul il-perjodu rilevanti t-total tal-valur lokatizju tar-raba' kien €32,419, minn liema somma għandha titnaqqas 30% minħabba l-għan leġittimu wara l-liġi. F'dan il-każ ser isir tnaqqis ta' 50% minflok 20% minħabba l-inċertezza li s-sid jirnexxilu jikri l-għalqa għall-perjodu kollu rilevanti bil-valur lokatizju li ta l-perit tekniku. B'dik it-tip ta' kera hu diffiċli ferm li l-art tinkera għal skop agrikolu, meta wieħed jikkunsidra li l-art hi bagħli u f'partijiet minnha hemm il-blat."

56. Il-Perit Tekniku ħa in konsiderazzjoni l-post fejn jinstab ir-razzett u r-raba, l-aċċess għalihom, u diversi fatturi oħra meta ta' stima tal-valur lokatizju tagħhom. L-intimati aħwa Abela it-tnejn ikkonfermaw li huma kienu jew kellhom impjieg ieħor *full time* u li mir-raba huma jgħixu lill-familja tagħhom bi prodotti friski. Huma spjegaw li huma qatt ma daħlu ħxejjex fil-pitkalija u qatt m'għamlu bejgħ tal-prodotti tagħhom. Ifissru li fir-rigward tar-razzett huma jużawh bħala maħżen għall-għodod tar-raba kif ukoll biex inkabbru ftit tiġieġ u fniek u għalkemm l-avantekawa tagħhom għamlu xi żmien jgħixu fih, huma qatt ma qagħdu fih.

57. Din il-Qorti bħala Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fuq kwotati issib li l-Perit naqas milli jieħu kont ta' fatturi importanti ferm meta wasal għall-kalkolu tal-qbiela potenzjali fiż-żmien rilevanti. Meta ġie mistoqsi jekk ħax in konsiderazzjoni l-uċuħ li jitkabbru fir-raba u l-qligħ jekk hemm mir-raba, il-Perit spjega li huwa ħa kont tal-valur tal-art kif inhi. Il-Qorti tqis li huwa 'l bogħod minn reali li r-rikorrenti ser isibu bdiewa li lesti jaħdmu r-raba bi qbiela ta minn l-anqas €4,500 p.a meta wieħed iqis l-ispejjeż li bidwi rrid jagħmel sabiex iġib l-ilma ġaladarba m'huwiex raba saqwi u spejjeż oħra għat-tkabbir ta' prodotti. Wieħed lanqas ma jrid jinsa li bidwi jiddependi fuq diversi fatturi li m'għandhomx kontroll fuqhom, fosthom fuq il-mard fil-prodotti kif ukoll kundizzjonijiet tat-temp. Fir-rigward tar-razzett, il-Perit ma ħax kont tal-fatt illi l-fond huwa wieħed għall-użu agrikolu iżda qisu bħala fond residenzjali.  Għal dan il-għan il-Qorti sejra tnaqqis 50% minflok 20% minħabba l-inċertezza li s-sidien kien ser jirnexxielhom jikru l-għalqa flimkien mar-razzett għall-perjodu kollu rilevanti bil-valuri lokatizji li ta l-perit tekniku. Il-Qorti sejra tagħmel kalkolu wieħed fir-rigward tar-raba u tal-għelieqi anke għaliex il-qbiela kienet waħda.

58. Għaldaqstant is-somma ta' €485,615[13] għandha l-ewwel tonqos bi 30% għall-iskop leġittimu tal-liġi speċjali, u għalhekk is-somma tinżel għal €339,930.50. Minn din is-somma jrid jonqos 50% għar-raġunijiet fuq mogħtija u għalhekk is-somma tinżel

[13] €110,385 + €375,230.

ulterjorment għal €169,965.25 li minnha finalment jrid jitnaqqas il-qbiela li attwalment ġiet imħallsa mill-intimati Abela għall-istess perijodu u ċioe €1,001.54.

59. **Għaldaqstant id-danni pekunjarji sofferti mir-rikorrenti qegħdin jiġu likwidati fis-somma ta' €168,963.71 li qed jiġu arrotondati għal mija u disgħa u sittin elf ewro (€169,000) liema somma għandha tinqasam skont is-sehem li mess lil kull wieħed mir-rikorrenti.**

60. In kwantu għad-danni non-pekunjarji, in linea mal-ġurisprudenza l-aktar riċenti tal-Qorti Kostituzzjonali "il-jedd tal-awturi fit-titolu għall-kumpens non-pekunjarju ma jintiritx. Dak hu personali għall-persuna li tkun batiet dik it-tbatija."[14] In vista li hemm diversi rikorrenti li wirtu fi żminijiet differenti, **il-Qorti sejra tillikwida l-imsemmija danni globali non-pekunjarji fis-somma ta' tlett elef u ħames mitt ewro (€3,500).**

**Żgumbrament**

61. Fin-nota ta' sottomissjonijiet finali r-rikorrenti insistew li għandu jsir l-iżgumbrament tal-intimati Abela mir-raba u r-razzett in kwistjoni.

62. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ingħad fis-sentenza **J&C Properties Limited vs. Nazzareno Pulis et** tas-27 ta' Frar 2020:

> "l-Qorti tishaq illi procediment ta` x-xorta tal-lum mhuwiex il-forum appozitu sabiex tinghata decizjoni dwar jekk inkwilin (li sal-lum kellu titolu naxxenti minn ligi tal-pajjiz) ghandux jigi zgumbrat jew le. Huma t-tribunali jew qrati ordinarji li ghandhom il-kompetenza li jesprimu ruhhom dwar talbiet mis-sid ghar-ripreza ta` fondi li jistghu jinvolvu l-izgumbrament tal-inkwilin. Ghall-fini tal-procediment odjern, dik rilevanti hija l-konsiderazzjoni ta` jekk ligi u/jew l-applikazzjoni taghha tkunx ivvjolat il-jeddijiet fondamentali tal-persuna u allura jekk abbazi tal-fattispeci ta` kull kaz dik il-ligi ghandhiex tkun applikata bejn il-partijiet kemm-il darba l-applikazzjoni taghha tkun leziva ghad-drittijiet fondamentali ta` l-persuna koncernata.
>
> Riferibbilment ghall-kaz tal-lum, jirrizulta li ladarba l-inkwilini agixxew skont il-ligijiet vigenti m`ghandhomx legalment jirrispondu ghall-kostituzzjonalita` o meno tal-ligi kif applikata, jew li jkunu ordnati jaghtu rimedju lir- rikorrenti jew jehlu l-ispejjez tal-kawza."

[14] **Maria Concetta Camilleri et vs. Avukat tal-Istat et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Ġunju 2022. Ara wkoll **Anthony Bezzina vs. Avukat tal-Istat et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Ġunju 2022.

63. Din il-Qorti taqbel ma' dan il-ħsieb u tagħmlu tagħha. Tqis li dan għandu japplika anke f'dan il-każ fejn qegħdin nitrattaw raba agrikola. In oltre' tirrileva li din il-Qorti m'hijiex vestita b'dik il- kompetenza li tiddeċiedi dwar żgumbrament minn fond li l-inkwilini tiegħu tgawdi titolu ta' kera fuqu però dak ir-rimedju huwa vestit f'idejn il-Qorti ordinarja u ċioe fil-każ odjern il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba. Għaldaqstant il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad it-talba tar-rikorrenti in kwantu talbu l-iżgumbrament tal-intimati Abela..

**Talba għax-xoljiment tal-kirja**

64. Fir-rigward din it-talba għax-xoljiment tal-kirja l-Qorti tqis tenut kont l-emendi li daħlu fis-seħħ fil-Kapitolu 199 din it-talba m'għandiex tiġi milqugħa.

**Spejjeż tal-kawża**

65. Il-Qorti hija tal-fehma li fil-prinċipju l-intimat Avukat tal-Istat bħala r-rappreżentant responsabbli għall-miżura leġislattiva li fiċ-ċirkostanzi tal-każ waslet għal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, għandu jħallas l-ispejjeż tal-proċeduri odjerni.

66. Dwar l-ispejjeż tal-intimati Abela, jekk kien hemm, il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Paul Farrugia vs. Avukat tal-Istat et** mogħtija fl-1 ta' Diċembru 2021, u għalhekk il-Qorti serja tordna li l-ispejjeż tal-intimati Abela għandhom jitħallsu mill-Avukat tal-Istat.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati konformament ma' dak hawn fuq deċiż,

1. **Tilqa' l-ewwel talba**, tiddikjara illi fiż-żmien rilevanti kif fuq stabbilit, it-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta' Malta, b'mod partikolari, l-Artikoli 3, 4, u 14 taw dritt ta' rilokazzjoni lill-intimati aħwa Abela għall-proprjetà tar-rikorrenti ossia r-razzett u r-raba adjaċenti sitwata f'Misraħ Strenju, ż-Żejtun tal-kejl superfiċjali ta' 5424.6 metri kwadri.

2. **Tilqa' in parte t-tieni talba,** tiddikjara li ġew leżi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti għat-tgawdija paċifika tal-proprjetà tagħhom hawn fuq indikata, liema drittijiet jinsabu protetti bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja; **tiċħad** it-talba għall-iżgumbrament kif ukoll għax-xoljiment tal-kirja;

3. **Tilqa' it-tielet talba,** tiddikjara li l-intimat Avukat tal-Istat għandu jagħmel tajjeb għas-sejbien ta' leżjoni tad-dritt konvenzjonali u kostituzzjonali tar-rikorrenti u għad-danni pekunjarji u non-pekunjarji konsegwenzjali;

4. **Tilqa' r-raba' talba,** tillikwida d-danni pekunjarji fis-somma ta' **mija u disgħa u sittin elf ewro (€169,000)** li tinqasam skont is-sehem li mess lil kull rikorrent u d-danni non-pekunjarji fis-somma globali ta' **tlett elef u ħames mitt ewro (€3,500).**

5. **Tilqa' l-ħames talba,** tikkundanna lill-Avukat tal-Istat iħallas lir-rikorrenti s-somma komplessiva ta' mija u tnejn u sebgħin elf, u ħames mitt ewro (€172,500) rappreżentanti d-danni pekunjarji u non-pekunjarji fuq likwidati, bl-imgħax legali mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.

**Spejjeż** a karigu tal-intimat Avukat tal-Istat.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
7 ta' Diċembru, 2023

**Deputat Reġistratur**